Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 182/2015

Il-Pulizja

Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi

Vs

George Portelli

Karmenu Sammut

Maria Brincat

Joseph Gatt

Illum 26 ta' Jannar, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati, George Portelli detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 493662M, Karmenu Sammut, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 837538M, Maria Brincat detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 337056M u Joseph Gatt detentur tal-karta tal-identita Maltija 616853M, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' taghhom ta' diretturi u/jew segretarji ta' kumpanija u/jew rapprezentanti guridici tas-socjeta' kummercjali G.M.F. PRECAST LIMITED (C 11521) b'indirizz registrat G.M.F. Concrete Works, St. Mary Street, Maghtab, Naxxar, Malta u/jew bhala l-persuni inkarigati mill-istess socjeta' kummercjali fis-sebgha (7) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) naqsu billi ma tawx twegiba jew billi taw twegiba hazina jew gieghlu lil xi persuna ohra biex ma twegibx jew biex twiegeb hazin ghal xi mistoqsija li spettur hu awtorizzat jaghmel skont il-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u naqsu li juru kotba, registry jew dokumenti ohra illi, skont l-imsemmi Att, kienu mitluba minn spettur sabiex igibulu.

Illi l-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputati, ai termini tal-Artikolu 45(1) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 10 tal-Avviz Legali 431 tal-2002 kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007, sabiex ihallsu l-penali skont il-Ligi, ghar-ragunijiet hawn fuq specifikati, kif ukoll tordna lill-imputati ai termini tal-Artikolu 43(8) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u tar-Regolament 9(3) tal-Avviz Legali 431 tal-2002, kif emendat bl-Avviz Legali 427 tal-2007 sabiex ma jostakolawx lill-ispetturi fil-qadi ta' dmirijiethom u jhallu lill-impjegati taghhom jidhru sew jekk direttament jew indirettament quddiem l-istess spetturi sabiex jigu mistoqsija minnhom, kif ukoll jghaddu l-informazzjoni kollha mehtiega u mitluba mid-Direttur tal-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-25 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti lliberat lill-akkuzati mill-akkuzi dedotti kontrihom.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, in vista tal-konsiderazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq, tghaddi sabiex tiddisponi minn dan il-kaz skont il-ligi u fl-ahjar interessi tal-gustizzja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali huma s-segwenti w cioe':-

Illi fis-sitta (6) ta' April tas-sena elfejn u hmistax (2015) l-esponent Avukat Generali rcieva minghand il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali l-atti tal-procedura fl-ismijiet premessi u hassu aggravat bihom ghar-raguni illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet enuncazzjoni zbaljata tal-Ligi illi wasslet ghal-liberazzjoni tal-appellati mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrihom u dan ghaliex il-Prosekuzzjoni ma thallitx tipproduci prova indispensabbli b'appogg ghall-akkuzi odjerni liema prova addirittura kienet ammissibbli skont il-Ligi.

Illi waqt is-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u hmistax (2015), l-ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet ghas-sentenza minghajr mal-Prosekuzzjoni nghatat id-dritt li tressaq ix-xhieda ta' Antoine Grech, ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni fil-kaz taghha kontra l-appellati. Jirrizulta mill-atti processwali senjatament a fol. 4 tal-atti illi nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Marzu kien gie ntavolat rikors mix-xhud Antoine Grech sabiex l-ewwel Onorabbli Qorti tiddiferixxi l-kawza minhabba li kien sejjer ikun indispost fil-gurnata u l-hin tas-seduta tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu. Dan ir-rikors la qatt gie ddekretat u wisq anqas giet iddeferita s-seduta izda l-Qorti ghaddiet minnufih ghas-sentenza u dan b'konsegwenza illi x-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni ma nstemax. Dan ir-rikors huwa prova cara ta' kemm ix-xhieda ta' Antoine Grech kienet importanti ghall-kaz tal-Prosekuzzjoni u tant kellha nteress li tressaq lil dan ix-xhud illi saret talba ghad-differiment tas-seduta gjaladarba huwa kien sejjer ikun indispost fid-data ndikata.

Illi l-Prosekuzzjoni fl-ebda hin qatt ma rrinunzjat ghax-xhieda ta' Antoine Grech jew iddikjarat illi ghalqet il-provi kollha taghha. Illi b'kull dovut rispett lejn il-konsiderazzjonijiet tal-ewwel Onorabbli Qorti, din il-Qorti kellha tikkoncedi

differiment sabiex tippermetti lill-Prosekuzzjoni tressaq il-provi mehtiega specjalment fid-dawl tal-fatt li hawn *si tratta* tal-ewwel seduta tal-kaz odjern u ghalhekk differiment wiehed ma kienx sejjer jirreka pregudizzju lill-appellati. *In oltre*, stante illi din kienet l-ewwel seduta appuntata, li kieku l-ewwel Onorabbli Qorti kkoncediet id-differiment tas-seduta dan ma kienx sejjer ifixkel is-sommarjeta' tas-seduta allavolja l-esponent jifhem li ai fini ta' spedjatezza, kien ikun ferm ahjar li l-kawza tigi deciza f'darba.

Illi huwa rikonoxxut li kawza sommarja m'ghandhiex tibqa' tkaxkar fit-tul inutilment izda ta' min jinnota li minn imkien ma tohrog mid-dicitura tal-ligi, senjatament mill-interpretazzjoni tad-dispozizzjoni tal-Artikolu 377(1) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta illi l-Qorti ghandha obbligu tghaddi ghad-decizjoni taghha fl-ewwel seduta minghajr ma tiehu in konsiderazzjoni tal-fatt li ghad hemm xi provi ammissibbli bil-ligi x'jitressqu. L-esponent umilment ihoss li d-dicitura tal-Artikolu 377(1) tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta hija cara in kwantu l-Qorti ghandha d-diskrezzjoni, jekk ikun il-kaz, li tghaddi biex tati s-sentenza, meta jinghalaq is-smigh tal-kawza[1]: fil-kaz odjern, stante li l-Prosekuzzjoni kien ghad kellha provi indispensabbli u ammissibbli bil-ligi xi tressaq, certament li ma jistax jinghad li s-smigh tal-kawza kien maghluq. L-ispirtu tal-ligi kif ravvizat fl-Artikolu 377(1) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kien ben spjegat mill-Imhallef Harding fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Frank Borg*** deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija erbgha u hamsin (1954)[2] fejn inghad li:

"L-iskop ta' dak l-artikolu hu semplicement biex ikun impost fuq il-gudikant l-obbligu tad-decizjoni sollecita tal-kawza, u ghaliex ma hemm xejn li jimpedixxi li ghal raguni gusta, anki mill-Qorti 'marter proprio', jerggha jinfetah is-smiegh, sija pure biex tbiddel l-imputazzjoni.."

[1] Artikolu 377(1) Meta jingħalaq is-smigħ tal-kawża, il-qorti, dak innhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat.

[2] Ghandu jigi osservat li fiz-zmien ta' meta nqatghet din is-sentenza, l-Artikolu 377(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kien enumerat Artikolu 389 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fid-dawl tas-suespost, certement jidher li dan ma kienx semplicement kaz ta' fejn il-Prosekuzzjoni b'mod kapriccjuz jew b'nuqqas ta' rispett lejn l-istituzzjoni tal-Gustizzja, naqqset mid-doveri taghha bil-ligi li tressaq il-provi b'appogg ghall-akkuzi migjuba minnha. Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Onorabbli Qorti kienet harxa fid-decizjoni taghha illi tghaddi ghas-sentenza fl-ewwel seduta minghajr ma tikkunsidra t-talba tal-Prosekuzzjoni ghad-differiment.

Ikkunsidrat,

L-aggravvju imqanqal mill-Avukat Generali f'dan il-kaz ma jikkoncernax il-mertu tal-kaz billi fil-fehma tieghu l-Ewwel Qorti ghaddiet ghas-sentenza billi illiberat lill-appellanti fuq kunflitt fl-provi minghajr ma semghet l-icken prova. Mill-atti jemergu is-segwenti fatti probatorji. Il-kawza, li hija wahda ta' natura sommarja, giet appuntata ghas-smigh ghal jum tal-25 ta' Marzu 2015. Jidher illi b'rikorsipprezentat fit-23 ta' Mazru 2015, ix-xhud ewlieni, jekk mhux l-uniku, tal-Prosekuzzjoni certu Antoine Grech rapprezentant tad-Dipartiment ghall-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali talab differiment billi dak in-nhar tas-seduta huwa ma kienx f'posizzjoni li jattendi minhabba f'indisposizzjoni. Dan ir-rikors qatt ma gie dekretat mill-Ewwel Qorti u mill-verbal tas-seduta tas-smigh tal-25 ta' Marzu 2015 jidher li dehru Dr. Lynn Spiteri Dalmas u Dr. Elizabeth Borg ghad-Dipartiment u WPC229 Marvyn Spiteri ghall-Prosekuzzjoni. Dak in-nhar dehret biss l-appellanti Maria Brincat assistita mid-difensur taghha Dr. Marouska Debono. Provi ma instemghux u l-Qorti ghaddiet ghal liberatorja ta'l-imputati billi dehrilha li kien hemm kunflitt fil-provi! Illi huwa fatt interssanti illi ghalkemm provi ma instemghux u dokumenti ma gewx esebieti fl-atti, il-Qorti fid-decizjoni taghha tghid illi semghet il-provi u rat id-dokumenti esebieti biex b'hekk bis-sahha ta' dan ghaddiet ghad-decizjoni taghha. Din il-Qorti qajla ghandha ghalfejn taghmel il-kummenti taghha fir-rigward. L-Avukat Generali, allura, bir-ragun hassu aggravat b'din id-decizjoni, mhux biss ghaliex l-Ewwel Qorti jidher illi ma tatx l-opportunita lill-Prosekuzzjoni tressaq il-kaz taghha, izda ukoll ghaliex id-decizjoni impunjata fiha innifisha hija kontradittorja.

Illi kif tajjeb jirrileva l-Avukat Generali fir-rikors tieghu ta'l-appell, ghalkemm il-kawzi bhal dak taht il-lenti tal-Qorti, huma kawzi ta' natura sommarja u allura iridu jigu segwieti id-dettami ta'l-artikolu 377(1) (gja artikolu 389) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, madanakollu dan ma ghandux isir ghas-skapitu tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja. Illi sahansitra meta xhud ma jidhirx ghall-udjenza minghajr gustifikazzjoni, il-qrati taghna dejjem taw lill-partijiet l-opportunita li l-kawza tigi differieta sabiex jinstema x-xhud. *Multo magis* f'dan il-kaz fejn ix-xhud sahanistra ressaq talba tempestivament, u cioe' jumejn qabel is-smigh tal-kaz, sabiex il-kawza tigi differita billi huwa ma setax jattendi minhabba f'indisposizzjoni – talba *del resto* li giet kompletament injorata mill-Ewwel Qorti billi r-rikors baqa' qatt ma gie iddekretat. Illi gie deciz:

**"Il-fatt li xhud ma jidhirx ghal udjenza partikolari ma jfissirx li huwa prekluz milli jixhed f'udjenza ohra, u dan anke f'kawzi sommarji. Ma hemm xejn fil-ligi u fil-gurisprudenza li b'xi mod jissuffraga tali proposizzjoni. Jekk xhud, debitament notifikat, ma jidhirx u l-parti li tkun talbitu ma tirrinunzjax ghalih, il-qorti ghandha tghaddi biex tipprovdi skond il-ligi kontra dak ix-xhud u tiddifferixxi sabiex huwa jinstema' f'udjenza ohra. Jekk ix-xhud tal-prosekuzzjoni ma jidhirx u (i) il-prosekuzzjoni ma tipprezentax riferta jew (ii) ir-riferta tkun wahda negattiva u n-nuqqas ta' notifika jkun attribwibbli ghal xi nuqqas tal-prosekuzzjoni, il-qorti tista' tibqa' ghaddejja bis-smigh tal-kawza u, jekk ma jkunx hemm raguni ohra ghal differiment, tista' wkoll tghaddi minnufih ghas-sentenza."** [3]

Dan ifisser, allura, illi hemm zewg cirkostanzi biss fejn il-Qorti f'kawzi ta' natura sommarja hija gustifikata tghaddi ghas-sentenza fin-nuqqas ta' smigh ta' xi xhud u dan meta jew il-Prosekuzzjoni tonqos milli turi li taghmel dmirha billi ma tipprezentax riferta li tindika illi sar it-tentattiv biex jigi innotifikat ix-xhud jew meta ikun hemm riferta negattiva li madanakollu tindika illi x-xhud ma ikunx gie notifikata minhabba xi nuqqas minn naha tal-prosekuzzjoni. F'dan il-kaz, l-ebda wahda minn dawn iz-zewg ipotezijiet ma ivverifikat ruhha u kwindi l-Ewwel Qorti

[3] App. Inf – Il-Pulizija vs Peter Ferdinans k/a Pierre Sammut deciza 23/09/2002

kienet fid-dmir li tiddiferixxi il-kawza ghal data ohra sabiex jinstemghu ix-xhieda tal-prosekuzzjoni u mhux tghaddi ghas-sentenza minghajr ma tisma provi umbaghad tiddikjara li qed issib il-kunflitt fihom!

Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u, sabiex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppju ezami, tibghat l-atti lura lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex dik il-qorti, wara li tisma' l-provi mill-gdid, tiddeciedi skond il-ligi dwar l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellati

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur